## NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

**Nru. 230**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali**

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se jżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Referenza: PA 05242/10; PA 05208/10; PA 05415/10.

Post: Sit f'Mġarr Yacht Marina, Triq Martino Garces, Għajnsielem, Għawdex.

Proposta: PA 05242/10: Propost it-tqiegħed ta' puntun f'wiċċ l-ilma;PA 05208/10: Propost bini ta' *breakwater* u pontun; PA 05415/10: Propost bini ta' uffiċċju żgħir.

Dawn l-impatti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fl-10 ta' Diċembru 2012 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fis-26 ta' Frar, 2013.

## GOVERNMENT NOTICE

**No. 230**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Notification of Exemption of Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: PA 05242/10; PA 05208/10; PA 05415/10.

Location: Site at Mġarr Yacht Marina, Triq Martino Garces, Għajnsielem, Gozo.

Proposal: PA 05242/10: It is proposed to place a floating pontoon; PA 05208/10: It is proposed to construct a breakwater and a pontoon; PA 05415/10: It is proposed to construct a small office.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 10th December 2012 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 26th February, 2013.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impacts*** | **Rimarki fuq miżuri biex jitaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Impatt fuq il-kwalità tal-arja | Waqt l-kostruzzjoni u l-operat, se jiġu ġġenerati emissjonijiet ta' Nitrogen Oxide (NOx) potenzjalment iġġenerati minn żieda fi traffiku fl-akkwati. Madankollu, l-ebda effett sinifikanti m'huwa previst meta tikkunsidra l-interventi minimi ta' kostruzzjoni, n-natura u d-daqs tal-proġett propost fir-rigward tal-attivitajiet relatati mal-port ġa eżistenti ġos-sit. |
| *Impact on air quality* | *During both construction and operation, Nitrogen Oxide (NOx) emissions from potential increased transport activity in the area will be generated. However, no significant effect is envisaged considering the minimal construction interventions, nature and size of the proposed project in relation to the existing port related activities on site.* |

| | |
|---|---|
| Ħolqien ta' skart u ta' kwalità tal-arja | Il-proġett jikkwalifika għal permess li jirregola l-operat, u li għandu jindirizza l-ġestjoni l-iskart, ir-rimi ta' skart likwidu (inkluż il-monitoraġġ ta' rimi fil-baħar), emissjonijiet oħra, il-ħażna ta' materjali (partikolarment likwidi), il-manutenzjoni ta' tagħmir tan-navigazzjoni, eċċ. Għandhom jittieħdu miżuri li jnaqqsu kemm jista' jkun it-tqanqil tal-ħama u tniġġis. Barra minn hekk, in-natura u l-iskala tal-proġett propost mhumiex meqjusa bħala sinifikanti fir-rigward tal-*baseline marina activity.* |
| *Water quality and waste generation* | *The project qualifies for an operational permit that will address waste management,effluent discharges (including the monitoring of discharges into the sea), other emissions, storage of materials (particularly liquids), maintenance of navigational equipment, etc. Mitigation measures are required to reduce sediment disturbance and pollution as much as possible. Furthermore, the nature and scale of the proposed project are not considered to be significant in relation to the baseline marina activity.* |
| Impatt fuq il-wirt kulturali | Minħabba li s-sit jinsab fil-Port tal-Imġarr, jista jkun hemm xi fdalijiet arkeoloġiċi fil-ħama ta' qiegħ il-baħar. Dan se jkun mistħarreġ permezz ta' studju arkeoloġiku ta' qiegħ il-baħar separat li se jindirizza l-impatti li jista' jħalli l-proġett. |
| *Impact on cultural heritage* | *Since the site lies within the Mġarr Harbour, archaeological artefacts may exist in the bottom sediment. This will be investigated through a separate archaeological seabed survey, which shall also address any impacts of the project.* |

Minkejja dak imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

It-22 ta' Marzu, 2013

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

22nd March, 2013

## L-INDIĊI TAL-PREZZIJIET BL-IMNUT

**L-Oġġetti Kollha (Diċembru 2009 = 100)**

| | **2013** |
|---|---|
| Jannar | 106.58 |
| Frar | 106.67 |

**Oġġetti li ġabu l-aktar tibdil:–**

| | Jannar 2013 | Frar 2013 | Effett fuq l-Indiċi |
|---|---|---|---|
| **Ħwejjeġ u Żraben** | | | |
| Ħwejjeġ tal-irgiel | 75.18 | 78.39 | 0.06 |
| Ħwejjeġ tan-nisa | 69.70 | 71.67 | 0.05 |
| **Trasport u Komunikazzjoni** | | | |
| Karozzi | 98.71 | 96.94 | -0.11 |
| Servizzi tat-trasport bl-ajru | 109.86 | 107.45 | -0.05 |

It-22 ta' Marzu, 2013

## RETAIL PRICE INDEX

**All Items (December 2009 = 100)**

| | **2013** |
|---|---|
| January | 106.58 |
| February | 106.67 |

**Items causing most change:–**

| | January 2013 | February 2013 | Effect on Index |
|---|---|---|---|
| **Clothing and Footwear** | | | |
| Men's outerwear | 75.18 | 78.39 | 0.06 |
| Women's outerwear | 69.70 | 71.67 | 0.05 |
| **Transport and Communications** | | | |
| Motor vehicles | 98.71 | 96.94 | -0.11 |
| Air transport services | 109.86 | 107.45 | -0.05 |

22nd March, 2013